**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 5 TA' FRAR, 2002

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 1242/01AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat Carmel Camilleri u l-istess Carmel Camilleri**

**vs**

**Lorraine Bezzina.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' hames mija u erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm534.50), danni kagunati f'incident tat-traffiku li sehh fil-5 ta' Jannar 1999 fi Triq Regjonali, Gzira bejn vettura

bin-numru DAU 068 misjuqa mill-konvenuta, u t-trukk bin-numru LAW 874 li kien misjuq mill-attur.

Min-naha taghha l-konvenuta pprezentat risposta (fol. 7) u permezz taghha ddikjarat:

(a) Li preliminarjament kellha ssir il-prova tas-surroga;

(b) Li qeghda tikkontesta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fi Triq Regjonali, Gzira fil-5 ta' Jannar 1999 proprju fuq ir-*roundabout*. Ma jirrizultax li sar skizz mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, ghalkemm is-sewwieq tat-trukk LAW 874 xehed li meta l-pulizija mar fuq il-post ta' l-incident ha l-kejl. Skizz li normlament huwa vitali ghall-konsiderazzjoni ta' min qieghed jiddecidi, u f'tali nuqqas huwa mistenni ezercizzju iktar

delikat fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni li ghandu dan it-Tribunal biex jasal ezattament ghal x' wassal ghall-kollizzjoni u d-dinamika ta' l-istess.

2. Illi b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, it-Tribunal jaghmel riferenza ghas-*subrogation form* li nsibu a fol. 22 tal-process. Il-formola ma jirrizultax li giet iffirmata mill-assigurat, li f'dan il-kaz huwa l-attur l-iehor. Din il-kwistjoni diga' giet trattata fil-kawza fl-ismijiet **Egard Galea nomine vs John Tanti** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1991, fejn inghad: *"dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-attur nomine billi dan ma jinsabx validament surrogat fid-drittijiet tal-parti leza, il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 1166(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad espressament li s-surroga ssir ipso jure favur dak obbligat ma' ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu nteress jhallsu. Issa minn natura ta' polza ta' assikurazzjoni hekk maghrufa 'comprehensive', l-assikuratur jobbliga ruhu kuntrattwalment mal-assikurat tieghu, li jhallas id-danni kollha li jkunu gew kagunati konsegwenza ta' incident awtomobilistiku jew ghal xi raguni ohra li tkun imsemmija fl-istess polza. Illi fil-kaz in ezami jidher car li t-talba attrici qed issir ghar-rifuzjoni ta' ammont li l-istess attur nomine hallas lil terzi in forza ta' assikurazzjoni vigenti bejnu u l-istess assikurat tieghu. Illi l-interess tal-istess attur nomine li jhallas l-ammont tad-danni*

*jirrizulta wkoll mill-istess polza. Ghalhekk jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-artiklu precitat u per konsegwenza l-attur huwa validament surrogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu"* (ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Gunju 1995 fil-kawza **Brian Valenzia noe vs Monica Calleja**). It-Tribunal jaqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti, u ghalhekk qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta.

3. Illi It-Tribunal irid jiddecidi ghab-bazi tal-principju *iuxta allegata et probata*, u dan skond it-talba attrici u l-eccezzjonijiet li jinghataw mill-konvenut. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vincenti Rausi nomine vs Joseph Muscat** (Citaz. Nru: 64/91JSP) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992: *"The general rule is that the party who alleges any matter in issue must prove it….. In a civil case the pleadings must be looked at in order to settle the question. The plaintiff naturally in his statement of defence, makes the first allegations. If the defendant in his defence, pleads a traverse or denial of an allegation made by the plaintiff, that puts it in issue and leaves the burden of proof upon the plaintiff".* F'din l-istess sentenza l-Qorti kompliet tispjega: *"Fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma*

*jibqx lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabiltajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu – actore non probante, reus absolvitur"*.

4. Issir riferenza ghal dak li nsibu fir-*road accident report* li gie mhejji mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 15). Fir-rigward:

(a) Tal-konvenuta jinghad: *"she proceeded along Regional Rd. from the direction of St. Julian's and on reaching near roundabout of Sliema Rd. she did not seen any traffic coming around roundabout except truck LAW 874 which was at a distance. And thus she emerged and was proceeding around the roundabout – to proceed to Msida – on the Lane next to the roundabout. When she felt a bump on her rear and found that truck LAW 874 had hit her rear right mudguard"*.

(b) Tas-sewwieq tat-trukk LAW 874 (Noel Camilleri) jinghad: *"He proceeded down Sliema Rd from the direction of San Gwann and was turning around the roundabout of Sliema Road to proceed to Msida, on the Lane next to the roundabout, when suddenly he heard a noise and found that car DAU 068 had hit against his front left side"*.

5. Skond l-Artikolu 95 tal-Highway Code, *"when approaching a roundabout, watch out for traffic already on it… Give way to traffic on your right unless road markings indicate otherwise"*. L-Artikolu 82 tal-Motor Vehicle Regulations (Avviz Legali 128 ta' l-1994) jipprovdi: *"Motor vehicles approaching a traffic roundabout shall give way to motor vehicles already taking that roundabout"*.

6. Irid jinghad li l-verzjoni moghtija mill-konvenuta meta xehdet quddiem it-Tribunal hija differenti minn dik li nsibu fir-rapport tal-pulizija a fol. 14. Hekk per ezempju fir-rapport tal-pulizija nsibu li ddikjarat li:

(a) Il-hsara fil-vettura taghha kienet fuq il-mudguard ta' wara. Meta xehdet fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2002, iddikjarat li l-hsara kienet fil-parti ta' wara tal-vettura u kienet tikkonsisti f'barxa li tnehhiet bil-*polish*. Il-konvenuta kkontestat dak li jinghad fir-rapport tal-pulizija. Sahansitra ressqet bhala xhud lil Raymond Dimech li kkorabora x-xhieda taghha, u kkonferma li kien spezzjona l-vettura tal-konvenuta u din kellha biss girfa fuq il-bumper ta' wara.

(b) Meta waslet sabiex taqbad ir-roundabout harset u ma ratx traffiku *"around the roundabout except truck LAW 874 which was at a distance"*. Fid-deposizzjoni taghha qalet, *"minkejja*

*dak li tnizzel mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u li jinsab a fol. 15 tal-process, jiena ninsisti* ***illi fl-ebda stadju ma rajt it-truck bin-numru LAW 874****".*

(c) Fil-hin ta' l-incident kienet qeghda ssuq fil-karreggjata li hemm mar-roundabout, waqt li fix-xhieda li tat quddiem it-Tribunal qalet *"meta qbadt ir-roundabout kont qieghda insuq mar-roundabout. Imbaghad inqlajt il-barra mir-roundabout. Nikkalkola li kont bejn wiehed u iehor xi metru u nofs sa zewg metri illi tlaqt mir-roundabout".*

Ghalkemm jidher li m'hemmx konsistenza, it-Tribunal huwa tal-fehma li tali nuqqas m'huwiex bizzejjed sabiex l-atturi jissodisfaw l-oneru tal-prova li jinkombi fuqhom.

7. Min-naha tieghu s-sewwieq tat-trukk ma wasalx biex jispjega kif gara l-incident *de quo* ghaliex, kif stqarr huwa stess, ma rax il-karrozza tal-konvenuta (fol. 32). Fil-fatt qal: *"nispjega illi jiena l-ewwel darba li rajt din il-karrozza hamra kien wara li sar l-incident".* L-istess insibu fir-rapport tal-pulizija (fol. 15). It-Tribunal ghandu wkoll id-dubji dwar il-hsara li tidher fir-ritratti a fol. 18 tal-process.

8. It-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma jistax ighid li huwa moralment konvint li l-atturi rnexxielhom jissodisfaw l-oneru tal-prova taghhom, u li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident jew li b'xi mod ikkontribwiet ghalih. Dan wara li qies ukoll ix-xhieda moghtija minn Raymond Dimech u l-post fejn sehh l-incident. Is-sewwieq tat-trukk spjega: *"illi fil-hin li sehh l-incident, jien kont diga' qbizt* ***<u>dik il-parti tat-triq fejn tidhol ghall-Gzira</u>****"*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**